

L-Erbgħa, 17 ta' Diċembru 2008

### Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-iżolament minerali tas-CO<sub>2</sub>

L-iżolament minerali tas-CO<sub>2</sub> (l-iffissar tas-CO<sub>2</sub> fil-forma ta' karbonati inorganiċi) huwa teknoloġija potenċjali għat-tnejja tat-tibdil fil-klima li fil-prinċipju jista' jintuża mill-istess kategoriji tal-istallazzjonijiet industrijal li jistgħu jużaw il-hżeń ġeoloġiku tas-CO<sub>2</sub>. Madankollu, dan bħalissa għadu fl-istadju ta' żvilupp. Barra mill-penal enerġetika (<sup>(1)</sup>) relatata mal-qbid tas-CO<sub>2</sub>, bħalissa hemm penali enerġetika sostanzjali li għandha x'taqsam mal-pro ċess ta' karbonizzazzjoni minerali fil-innifissu, fenomenu li ser ikollu jiġi indirizzat qabel ma tkun tista' tiġi prevista l-implimentazzjoni kummerċjali. Bħal fil-kaċċ tal-żin ġeoloġiku, għandhom jiġu stabbiliti l-kontrolli meħtieġa sabiex tkun żgurata s-sikurezza ambientali tat-teknoloġija. Dawn il-kontrolli aktarx ikunu sostanzjalment differenti minn dawk tal-hżeń ġeoloġiku ta' CO<sub>2</sub>, minħabba d-differenzi fundamentali bejn it-teknoloġiji. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoni, il-Kummissjoni ser issegwi mill-qrib il-progress tekniku tal-iżolament minerali, bil-ħsieb tali żvilupp ta' qafas legali li jippermetti iżolament minerali sikur għall-ambjent u r-rikonoximent tiegħu fl-ambitu tas-Sistema ta' Skambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, meta t-teknoloġija tkun laħqet livell adatt ta' żvilupp. Minħabba l-interess fost l-Istati Membri fit-teknoloġija u r-ritmu tal-bidliet teknoloġiċi, aktarx li l-ewwel valutazzjoni se titwettaq għall-ħabta tal-2014, jew qabel jekk iċ-ċirkustanzi jiġuustifikaw dan.

---

<sup>(1)</sup> "Il-penal enerġetika" huwa t-terminu użat sabiex ikun espress il-fatt li impjant li japplika l-qbid tas-CO<sub>2</sub> jew il-mineralizzazzjoni tas-CO<sub>2</sub> juża xi ffit mill-enerġija tiegħu għal dawk il-proċessi, u b'hekk ikun jeħtieġ aktar enerġija minn impjant li għandu produzzjoni ekwivalenti mingħajr qbid/mineralizzazzjoni.

---

### Il-monitoraġġ u t-tnejja ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-fjuwils (trasport fit-toroq u t-bahhir intern) \*\*\*I

P6\_TA(2008)0613

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, id-diżil u n-nafta (gas-oil) u l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu biex ikun hemm monitoraġġ u tnejja ta' gassijiet b'effett serra mill-użu tal-fjuwils għat-trasport fit-toroq u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE, fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-fjuwil użat minn bastimenti tal-il-mijiet interni u li tirrevoka d-Direttiva 93/12/KEE (COM(2007)0018 — C6-0061/2007 — 2007/0019(COD))

(2010/C 45 E/45)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0018),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 95 u 175(1) tat-Trattat KE, skond liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0061/2007),

L-Erbgħa, 17 ta' Diċembru 2008

- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0496/2007),
1. Japrova l-proposta tal-Kummissjoni kif emedata;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
- 

**P6\_TC1-COD(2007)0019**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' Diċembru 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2009/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżi u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, d-Direttiva 2009/30/KE.)

---

**ANNESS****DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

Il-Kummissjoni tikkonferma li t-tnaqqis ta' 2 % msemmi fl-Artikolu 7a(2), l-ittri b) u c), mhux vinkolanti u li r-revizzjoni ser tindirizza n-natura nonvinkolanti tagħhom.

---

**Standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda \*\*\*I**

P6\_TA(2008)0614

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-aproċċi integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi għall-użu ħafif (COM(2007)0856 — C6-0022/2008 — 2007/0297(COD))**

(2010/C 45 E/46)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni — l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0856),